prodotti eżentata u timponi fuq il-persuna taxxabbli l-ħlas tat-taxxa huwa kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, u jekk iva, taħt liema ċirkustanzi?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.
(2) ĠU L 347, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Debreceni Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fil-31 ta' Diċembru 2012 — József Dutka vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal

**(Kawża C-614/12)**

(2013/C 114/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Debreceni Munkaügyi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* József Dutka

*Konvenut:* Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal

### Domandi preliminari

(1) Fid-dawl tal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikun hemm jew le implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-imsemmija karta meta d-dritt nazzjonali jkun jipprevedi terminazzjoni awtomatika jew permezz ta' att unilaterali tar-relazzjoni ġuridika ta' xogħol jew ta' servizz?

(2) F'każ li tingħata risposta pożittiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprovdi għal projbizzjoni ta' kull tkeċċija mhux iġġustifikata jew għal projbizzjoni li timplika li r-raġunijiet tal-miżura jkunu jirriżultaw b'mod ċar mill-att li jkollu l-għan li jittermina r-relazzjoni ġuridika, b'tali mod li l-ħaddiem ikun jista' jaċċerta ruħu min-natura reali u gravi tagħhom?

(3) F'tali każ għalhekk, l-obbligu ta' motivazzjoni previst mill-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jippreklludi dispożizzjoni nazzjonali li tiżgura l-possibbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni li jneħħi l-ħaddiem mill-funzjonijiet tiegħu (ikeċċih), mingħajr ġustifikazzjoni, esluživament fir-relazzjonijiet ġuridiċi li fihom l-Istat jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' persuna li timpjega tramite korpi amministrattivi tal-Istat?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szombathelyi Törvényszék (l-Ungerija) fit-3 ta' Jannar 2013 — Kovács vs Vas Megyei Rendőr-főkapitányság

**(Kawża C-5/13)**

(2013/C 114/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Szombathelyi Törvényszék

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Ferenc Tibor Kovács

*Konvenut:* Vas Megyei Rendőr-főkapitányság

### Domanda preliminari

Ir-regola tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet u dik tal-moviment liberu tal-persuni, kif ukoll id-dritt għal smigħ xieraq, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' dritt nazzjonali li, bħall-Artikolu 25/B tal-Liġi Nru I tal-1988, dwar iċ-ċirkolazzjoni fit-toroq, tipprovdi li fit-toroq fl-Ungerija jistgħu jiċċirkolaw il-vetturi li għandhom awtorizzazzjoni u pjanċi amministrattivi Ungeriżi, u li l-preżenza tal-kundizzjonijiet li jippermettu deroga minn din ir-regola tista' tiġi stabbilita biss fl-okkażjoni ta' kontroll?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hanseatische Oberlandesgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-10 ta' Jannar 2013 — Datenlotsen Informationssysteme GmbH vs Technische Universität Hamburg-Harburg

**(Kawża C-15/13)**

(2013/C 114/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Datenlotsen Informationssysteme GmbH.